MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2009

Numru. 25/2003

**Il-Pulizija**
**Spettur Helga Debono**

**vs**

**Rita Busuttil**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputata Rita Busuttil ta’ 47 sena, bint Angelo Farrugia u Giovanna nee’ Azzopardi, imwielda Zabbar fil-10 ta’ Novembru 1956 u residenti 4, Ta Tewma Limiti Mgarr u detentur tal-karta tal-identita’ numru 767456(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

F’dawn il-Gzejjer, bejn 1 ta’ Jannar 1983 u 8 ta’ Settembru 1990 u 10 ta’ Settembru 1990 u 2 ta’ Jannar 1998, b’

diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda:

a) B' mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b' qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b' ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamlet qligh ta' madwar Lm15,000 ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta u persuni ohra, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 308, 309 u 310(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

b) Bl-iskop li takkwista xi hlas taht l-Att dwar is-Sigurta' Socjali, kemm ghaliha innifisha jew ghal xi haddiehor, jew ghal xi skop iehor li ghandu x' jaqsam ma l-Att dwar is-Servizzi Socjali.

i) Xjentement jew bi traskuragni ghamlet dikjarazzjoni falza jew uriet haga b'ohra.

ii) Gabet jew tat, jew kkagunat jew gieghlet jew xjentament halliet illi jingieb jew jinghata dokument jew taghrif li kienet taf li kien falz f' haga materjali jew

iii) Bi frodi naqset li tirraporta lid-Direttur tas-Servizzi Socjali, qabel ma rceviet il-hlas, xi bidla fic-cirkustanzi li ghandha jew tista' jkollha konsegwenza materjali fuq l-ammont, jew fuq il-mod kif jinghata dak il-pagament u dan bi ksur ta' l-Artikolu 117 tal-Kap. 318 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datat 7 ta' Mejju 2004 (esebita a fol. 89 tal-process) fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

a) Fl-Artikoli 18, 308 u 310 tal-Kodici Kriminali ;

b) Fl-Artikolu 18 tal-Kodici Kriminali u l-artikolu 117 tal-Kapitolu 318 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Rat li waqt l-udjenza tal-15 ta' Gunju 2007, l-imputata Rita Busuttil ddikjarat li hija m' ghandhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Ikkunsidrat:

Illi fl-udjenza tal-4 ta April 2003 l-imputata eccepiet il-preskrizzjoni minghajr ma specifikat ghall-liema preskrizzjoni kienet qed tirreferi izda fl-udjenza tal-5 ta' April 2009 gie specifikat mid-Difiza li l-preskrizzjoni li kienet qed taghmel referenza ghaliha kienet dik ai termini tal-Artikolu 117(1)(iii) tal-Kap. 318 tal-Ligijiet ta' Malta fejn il-piena stabbilita ghar-reat li bih l-imputata tinsab akkuzata taht il-Kap. 318 tal-Ligijiet ta' Malta hija ta' multa li ma teccediex l-elf mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin ewro centezmi (Euro 1164.69) jew tnax(12) il-xahar priguerija jew it-tnejn flimkien u ghaldaqstant id-Difiza ssostni li l-akkuzi fil-konfronti tal-imputata huma preskritti ai termini tal-Artikolu 688(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza in kwantu jirrigwarda l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-imputata.

Rat li l-kawza giet differita ghas-seduta tal-llum ghal decizjoni in kwantu jirrigwarda l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi fil-kawza odjerna l-imputata tinsab akkuzata bir-reat ta' frodi aggravat ai termini tal-Artikoli 308, 309 u 310 (1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta permezz tal-ewwel(1) akkuza kif ukoll bir-reat kontemplat fl-Artikolu 117 tal-Kap. 318 tal-Ligijiet ta' Malta permezz tat-tieni(2) akkuza. Illi inoltre l-imputata tinsab akkuzata b'reat kontinwat ai termini tal-Artikolu 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi mill-provi migjuba f'dan il-kaz jikkonfigura ir-reat kontemplat fl-Artikolu 117(1)(iii) tal-Kap. 318 tal-Ligijiet ta'

Malta liema dispozizzjoni tikkontempla r-reat ta' frodi rizultanti minn nuqqas da parti ta' min qed jircievi xi hlas minghand id-Direttur tas-Servizzi Socjali li jirraporta bidla fic-cirkostanzi. F'dan ir-reat jinsab assorbit ir-reat ta' frodi nnominat kontemplat fl-Artikolu 309 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, bl-aggravju tal-valur kontemplat fl-Artikolu 310(1)(a).

Illi l-perijodu ndikat fl-akkuza rigwardanti d-dati tal-allegat reat huma l-perijodu bejn 1 ta' Jannar 1983 u t-8 ta' Settembru 1990 u l-10 ta' Settembru 1990 u t-2 ta' Jannar 1998.

Illi l-Artikolu 691 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li fil-kaz ta' reati kontinwati z-zmien tal-preskrizzjoni jibda mil-jum li fih isir l-ahhar ksur tal-ligi, li fil-kaz odjern jirrizulta li huwa it-2 ta' Jannar 1998.

Illi fl-imsemmija data ir-reat ta' frodi nnominat kien jikkomporta piena ta' bejn xahar sa tlett xhur jew multa filwaqt li l-Artikolu 310(1)(a) kien jipprovdi li meta l-ammont ta' danni kien jeccedi l-hames mitt lira Maltin (Lm500) il-piena kellha tizdied b'zewg jew tlett gradi. L-Artikolu 18 jistabbilixxi li fil-kaz ta' reat kontinwat il-piena tista' tizdied minn grad sa zewg gradi. Minn ezami tal-Artikolu 31 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jidher li l-massimu tal-piena li setghat tinghata fil-kaz ta' sejbien ta' htija huwa ta' sentejn. Illi r-reat kotemplat fl-Artikolu 117(1)(iii) tal-Kap. 318 tal-Ligijiet ta' Malta jistabilixxi piena massima ta' sena li b'applikazzjoni tal-Artikolu 18 setghat tizdied sa massimu ta' sentejn.

Illi l-preskrizzjoni applikabbli hija ghalhekk dik kontemplata fl-Artikolu 688(d) u cioe' dik ta' hames(5) snin. Kif diga' intqal aktar 'il fuq id-data tal-ahhar ksur tal-ligi fil-kaz odjern kienet fit-2 ta' Jannar 1998 u mill-atti jirrizulta li c-citazzjoni odjerna giet prezentata fid-9 ta Jannar 2003 u ghalhekk l-akkuzi li taghhom l-imputata setghat tinstab hatja huma preskritti ai termini tal-Artikolu 688(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 18, 31, 309, 310(1)(a), 688(d) u 691 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti tiddikjara l-akkuzi migjuba fil-konfronti tal-imputata bhala preskritti u konsegwentement tillibera lill-imputata mill-istess akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------